

Brussell, 18 ta' Lulju 2016
(OR. en)

11245/16

COASI 158
ASIE 61
CFSP/PESC 621
CSDP/PSDC 449
POLGEN 88
RELEX 637
DEVGEN 167
COHOM 100
JAI 677
CODRO 2
MIGR 138
COEST 195

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	18 ta' Lulju 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	10997/16
Suġġett:	Afganistan - Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Lulju 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan, kif adottati mill-Kunsill fit-3482 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Lulju 2016.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan

1. Il-Kunsill japprova t-tieni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-"Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan: 2014-16" (ara l-anness). Tliet snin ta' koordinazzjoni mtejbja tal-UE taw riżultati li fuqhom ser ikompli jinbena l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri fl-Afganistan. Il-progress li nkiseb kien viżibbli f'ħafna oqsma, iżda kien irregolari u għadu fraġli. Il-fraġilità attwali tirrikjedi approċċ realistiku għal żmien itwal, u assistenza sostnuta mill-komunità internazzjonali, abbażi tal-prinċipji ta' responsabbiltà reċiproka.
2. Il-Kunsill jikkonkludi li, fis-snin li ġejjin, l-għan strateġiku globali tal-UE u l-Istati Membri għandu jibqa' l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet Afgani biex jiġi ssalvagwardjat il-progress li sar s'issa u biex isir aktar progress fl-iżvilupp ta' stat Afgan aktar effettiv u eventwalment sostenibbli. L-oġettivi ewlenin tal-Istrateġija attwali għandhom jiġu mġedda, b'mod partikolari l-promozzjoni tas-sigurtà; it-tiġħ tad-demokrazija; l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku u uman; it-tiġħ tal-istat tad-dritt, fost l-oħrajn il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa, inkluż fil-kuntest tal-proċess ta' paċi u t-tkomplija tal-ġlieda kontra l-industrija tan-narkotiċi u d-drogi. L-Istrateġija għandha tqis id-dimensjoni reġjonali u tibqa' flessibbli biex twieġeb kif xieraq għal bidliet potenzjali fl-Afganistan. Barra minn hekk, billi l-migrazzjoni saret prijorità għall-UE fir-relazzjonijiet ġenerali tagħha mal-Afganistan, l-azzjonijiet tal-UE għandhom jgħinu biex jiġu indirizzati l-għeruw tal-migrazzjoni irregolari Afgana.

3. Fuq il-bażi ta' din il-gwida, il-Kunsill jilqa' segwitu għall-"Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan: 2014-16" attwali. L-istrateġija l-ġdida għall-perijodu 2017-20 għandha twieġeb għall-Qafas Nazzjonali previst għall-Paċi u l-Iżvilupp fl-Afganistan kif ukoll għall-Programmi ta' Prijorità Nazzjonali relatati tal-Afganistan - li għandhom jiġu approvati fil-Konferenza ta' Brussell dwar l-Afganistan (KBA). L-istrateġija għandha tinkludi approċċ komprensiv u l-impenji reċiproċi identifikati permezz tal-Qafas ta' Responsabbiltà Reċiproka għall-Awtodipendenza u l-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp. Hija għandha tiffoka fuq riżultati konkreti u tinkludi pjan ta' implimentazzjoni li jispeċifika eżiti li jistgħu jinkisbu, u diviżjoni koordinata u ċara tax-xogħol fost l-UE u l-Istati Membri, f'qafas b'diversi donaturi. Hija għandha tesplora possibbiltajiet ta' kif naslu għal skema ta' Programmazzjoni Konġunta fost kontributori Ewropej interessati. Il-Kunsill jilqa' li l-istrateġija l-ġdida tkun lesta biex tiġi approvata sal-ewwel kwart tal-2017.
4. L-UE tħeġġeġ lill-Gvern Afgan biex jikkoopera fuq ir-ritorn u r-riammissjoni taċ-ċittadini tiegħu, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem tagħhom u f'konformità mal-obbligi u l-impenji internazzjonali. Dan huwa l-element ċentrali u essenzjali tat-Triq Konġunta 'l Quddiem, li tindirizza l-pressjoni dejjem tikber tal-migrazzjoni irregolari b'mod parallel ma' inizjattivi u ftehimiet tal-Istati Membri immirati lejn il-kisba ta' aktar kooperazzjoni fuq ir-riammissjoni. L-UE għandha tappoġġa dan permezz ta' assistenza għar-riintegrazzjoni, biex tgħin biex jinħoloq ambjent favorevoli li jista' joffri opportunitajiet liċ-ċittadini Afgani fil-pajjiż.
5. L-UE tilqa' l-impenji mwettqa b'appoġġ għal Forzi ta' Difiża u Sigurtà Nazzjonali Afgani suffiċjenti u dejjem iżjed sostenibbli kif approvat mill-Afganistan u l-pajjiżi li jikkontribwixxu għall-Missjoni ta' Appoġġ Determinat tan-NATO fis-Summit ta' Varsavja fit-8 u d-9 ta' Lulju 2016.

6. Filwaqt li tfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2016, il-Konferenza ta' Brussell dwar l-Afganistan, skedata għall-4 u l-5 ta' Ottubru u ospitata b'mod konġunt mill-UE u l-Gvern Afgan, hija mistennija li tiffoka fuq
- progress sostanzjali fil-bini tal-istat u l-istituzzjonijiet Afgani permezz tal-implimentazzjoni tal-aġenda ta' riforma tal-Gvern ta' Unità Nazzjonali u impenji konkreti ġodda għas-snin li ġejjin definiti f'Qafas aġġornat ta' Responsabbiltà Reċiproka għall-Awtodipendenza;
 - appoġġ internazzjonali bil-ħsieb ta' finanzjament sostnut fil-livelli attwali jew qribhom sal-2020, u żieda fl-effettività tal-għajjnuna b' reazzjoni għall-Qafas Nazzjonali l-ġdid għall-Paċi u l-Iżvilupp fl-Afganistan u s-šhubija ta' sigurtà dejjiema tagħna;
 - appoġġ reġjonali għal proċess politiku li jwassal għall-paċi u kooperazzjoni ekonomika transfruntiera msaħħa.
7. L-UE tenfasizza li s-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli huma sfidi interkonnessi fil-proċess tal-bini ta' stat li jeħtieġ li jiġi mirfud minn appoġġ politiku ġenwin fir-reġjun. Afganistan sigur, stabbli, u għani huwa vitali għall-paċi u l-istabbiltà tar-reġjun kollu kemm hu. L-UE tteġġeg lill-partijiet ikkonċernati reġjonali kollha biex jikkooperaw b'mod attiv sabiex jipromwovu proċess ta' negozjati ġenwin u orjentat lejn ir-riżultati, immirat lejn il-ħolqien ta' soluzzjoni dejjiema bejn il-partijiet fil-konflitt, li ser jipprovdi s-sisien għall-paċi, is-sigurtà u l-prosperità kemm fl-Afganistan kif ukoll fir-reġjun kollu.

8. L-UE tilqa' u theggegħ l-isforzi koordinati biex jappogħaw lill-Gvern Afgan fil-promozzjoni ta' proċess ta' paċi sinifikattiv, immexxi u mħaddan mill-Afgani, li huwa l-unika triq vijabbli li twassal għal soluzzjoni sostenibbli tal-konflitt. L-UE tilqa' l-inizjattivi għall-ħolqien ta' ambjent li jwassal għal proċess bħal dan. Li jintemm il-konflitt armat fl-Afganistan huwa urġenti u fl-interess ta' dawk kollha li jridu l-iżvilupp u l-istabbiltà. L-UE tfakkar fil-prinċipji li jikkostitwixxu komponent integrali tal-istabbiltà fir-reġjun u lil hinn minnu:

- (i) Is-sovranità, l-unità, l-integrità territorjali u l-indipendenza tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan;
- (ii) il-karattru inklużiv ta' taħditiet ta' paċi mmexxija u mħaddna mill-Afgani, li jirrappreżentaw liċ-ċittadini kollha tal-Afganistan u l-interessi leġittimi tagħhom, fosthom rappreżentanza adegwata tan-nisa;
- (iii) ir-rinunzja tal-vjolenza u ta' rabtiet mat-terroriżmu internazzjonali; u
- (iv) r-rispett għall-Kostituzzjoni Afgana, fost l-oħrajn id-dispożizzjonijiet tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa u t-fal.

L-eżitu ta' dan il-proċess għandu jiġi rispettat u appogħat mill-atturi reġjonali kollha u mill-komunità internazzjonali ġenerali.

9. L-UE theggegħ lill-awtoritajiet Afgani biex jiżguraw ir-riformi elettorali meħtieġa, b'mod partikolari billi jstabbilixxu kalendarju għall-elezzjonijiet parlamentari. Elezzjonijiet inklużivi u trasparenti, li jirriflettu r-rieda ġenwina tal-poplu Afgan għandhom iwasslu għal aktar stabbiltà politika, u jsaħħu d-demokrazija sostenibbli. Għal dan l-għan, il-bini mill-ġdid ta' fiduċja u kunfidenza fil-proċess ta' riforma elettorali huwa ferm importanti.

10. Il-Kunsill jilqa' l-organizzazzjoni tat-tieni Djalogu lokali bejn l-Afghanistan u l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'Kabul fl-1 ta' Ġunju 2016, li enfasizza l-impenn kontinwu tal-gvern Afgan li jtejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar ir-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Twettqu diversi impenji konkreti, fosthom fl-implimentazzjoni tal-liġi dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza Kontra n-Nisa, li tista' ssir parti mill-anness rivedut għall-Qafas ta' Responsabbiltà Reċiproka għall-Awtodipendenza.
11. Il-Kunsill għadu mħasseb dwar is-sitwazzjoni umanitarja u jfakkar fl-importanza li jiġi rispettata id-dritt umanitarju internazzjonali.
12. L-UE għadha impenjata li tappoġġa l-isforzi Afgani fit-tisħiħ tal-pulizija ċivili anke wara t-tmiem previst tal-missjoni tal-pulizija EUPOL AFGHANISTAN fl-2016.
13. Il-Kunsill jesprimi l-intenzjoni tiegħu li jipproċedi għall-firma tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp qabel il-Konferenza ta' Brussell dwar l-Afganistan.
